MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 20/2001/1

**Carmelo u Therese konjugi Camilleri.**

**vs**

**Joseph u Rita konjugi Spiteri.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Carmelo (ID 746835M) u Therese (ID 587436M) konjugi Camilleri datat 21 ta' Dicembru 2006 a fol. 225 tal-process fejn gie premess illi:-

Pemezz ta' rikorsypprezentat fil-5 ta' Marzu 2001 l-esponenti ppremettew:-

Illi permezz ta' skrittura datata 28 ta' Novembru 1976 l-esponenti krew razzett maghruf bl-isem Providence Farm limiti tas-Siggiewi versu kera ta' tliet mija u hamsa u sittin

lira Maltija (Lm365 = €850.22) fis-sena, l-ahhar skadenza ghalqet fl-1 ta' Dicembru 2000;

Illi l-intimati kissru l-kundizzjonijiet lokatizzji billi ma hadux hsieb tal-proprjeta` lokata lilhom.

Illi *inoltre* l-intimati biddlu l-uzu tar-razzett jew ta' partijiet minnu billi qed irabbu fuq is-sit lokat diversi klieb, inkluzi dawk tal-glied, u dan kontra l-permessi vigenti u l-ligi;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan il-Bord sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond lokat billi jipprefiggi terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament taghhom

Permezz ta' risposta pprezentata fit-13 ta' Marzu 2001 l-appellanti eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea preliminari*, l-inkompetenza ta' dan il-Bord *stante* li *non si tratta* ta' fond *urban* imma tar-razzett u art madwaru li jaqghu taht il-kompetenza tal-Bord li Jirregola t-Tigdid tal-Kera tar-Raba'.

2. Illi subordinatament u fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghax mhux minnu li jezistu kawzali ghall-izgumbrament ta' l-intimati.

3. Illi kollox beda wara li xi zmien ilu r-rikorrenti ppretendew li jirdoppja l-kera, u meta dan ma giex accettat mill-intimati, ir-rikorrenti bdew jaraw ma' xiex ser jaqbdu biex jitterminaw il-kirja.

4. Illi hu michud li l-esponenti ma hadux hsieb tal-proprjeta` lokata lilhom.

5. Illi hu michud li l-esponenti bidlu l-uzu tar-razzett jew ta' partijiet minnu ghax ghalkemm hemm ukoll xi klieb fir-razzett dawn mhux klieb tal-glied kif allegat u f'kull kaz il-klieb huma annimali.

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

B'sentenza moghtija fil-25 ta' Settembru 2001 il-Bord li Jirregola l-Kera cahad l-eccezzjoni tal-inkompetenza mressaq mill-appellati, bl-ispejjez kontra taghhom.

Illi permezz ta' sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 2006 il-Bord cahad it-talba ta' l-esponenti.

Illi l-esponenti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza tal-Bord u ghalhekk qeghdin jinterpretaw appell mill-istess.

Illi l-aggravju ta' l-esponenti huwa s-segwenti: -

1. Illi l-provi mressqa juru li kien hemm bdil fid-destinazzjoni tal-kirja saret permezz ta' skrittura datata 28 ta' Novembru 1976. L-ambjenti li kienu oggett tal-kirja *"tikkonsisti f'Pig Farm b'seba' u ghoxrin pen komplut u attrezzat bir-railings, ilma, etc. kif ukoll kamra ukoll bi dritt ta' cavetta tal-main gate u bi dritt ta' passagg".*

2. Il-kirja kienet ta' *pig farm* tant hu hekk li mal-kirja (1976) il-fond beda jintuza ghal dan l-iskop u hekk baqa' jintuza ghal snin twal (iktar minn ghoxrin sena) sakemm ma baqax jintuza hekk u saru dawn il-proceduri. Fatt konfermat mill-appellata stess fis-seduta tat-18 ta' April 2005 meta ddikjarat li l-fond dejjem rieduh bhala "*pig farm*". Anke l-permessi li hemm fuq ir-razzett huma ghat-trobbija tal-majjali.

3. Sussegwentement l-esponenti jsostnu li l-fond ma baqax jintuza ghal dan l-iskop. Mill-provi rrizulta bl-iktar mod car li l-appellat kien beda jrabbi l-klieb fuq bicca art li tmiss mal-farm. Fil-fatt fir-ritratti li jifformaw parti mill-atti jidhru numru kbir ta' postijiet ta' kenn ghall-klieb (zewg ringieli shah).

4. Illi wiehed japprezza li dan huwa kaz fejn irid isir apprezzament tal-provi li tressqu quddiem il-Bord. Fil-fehma ta' l-esponenti l-provi li tressqu mill-intimati m'humiex kredibbli u huma ntizi biss sabiex joholqu xenarju li juri li l-attivita' ta' tkabbir ta' majjali qatt ma

waqfet. Ir-rikors promotur kien gie pprezentat fil-5 ta' Marzu 2001.

5. Mill-provi prodotti jirrizulta li meta marru fuq if-post il-Pulizja biex jinvestigaw ir-rapport li kienu ghamlu l-esponenti, kull ma sabu fuq il-post kienu klieb **biss** (ara xhieda moghtija minn Silvana Zrinzo Azzopardi fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2002). Xhieda li tikkorrobora dik moghtija mill-esponenti.

6. L-appellat ma kien xejn kredibbli. Hekk per ezempju:-

- Fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2006 xehed li ghalkemm kienu ttiehdu proceduri kriminali kontrih dwar trobbija tal-klieb, kien gie liberat. Mhux hekk jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Zrinzo Azzopardi, fejn ikkonfermat li l-appellat kien inghata canfira mill-Qorti u gie mwiddeb. F' ittra mibghuta mill-Pulizija lill-esponent (datata 19 ta' Frar 2001 u mmarkata Dok. TC6) inghad:- *"Ninsab inkarigat ninfurmak Ii wara I-ittra tieghek inbdew proceduri quddiem il-Qorti kontra Joseph Spiteri. Spiteri tressaq quddiem il-Qorti fit-12 ta' Frar 2001. Fejn il-Magistrat canfar u widdeb Iil Joseph Spiteri".*

- Meta l-Pulizija marru fuq il-post klieb biss sabu (ara xhieda tal-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi). Dan igiddeb ghal kollox il-verzjoni moghtija mill-appellat li dejjem baqa' jrabbi l-majjali.

- Il-Bord stess fis-sentenza osserva kemm l-appellat kien evaziv fin-numru tal-klieb li kien izomm. L-esponenti jissottomettu li mhux f'dan biss kien evaziv. Hekk per ezempju jghid li l-klieb kien izommhom ghall-ghassa. Haga ta' l-iskantament pero' kif wara li nqala' dan il-kaz ma baqax izomm il-klieb. M'huwiex verosimili li l-appellat kien beda jzomm 'regiment' shih ta' klieb ghall-ghassa. In-numru kbir ta' *kennels* juri bic-car li l-appellat kien qieghed jezercita attivita' fuq bazi kummercjali fi trobbija ta' klieb. L-appellata xehdet li zewgha kien nehha l-klieb minhabba problemi li kellu f'dahru ghaliex kien fihom hafna xoghol. L-istess xehed l-appellat. Wiehed pero' ma jifhimx kif

dawn il-klieb l-appellat baqa' jzommhom ghal dak iz-zmien kollu anke wara li gie *boarded out* minhabba li skond hu ghandu problemi ta' sahha. It-tezi ta' l-esponenti hi li l-klieb tnehhew proprju minhabba din il-kawza u ghal ebda raguni ohra, u l-Bord kellu jirreferi ghall-attivita' li kien hemm fiz-zmien li nqala' l-kaz u mhux setghu ghamlu l-appellati matul is-snin li kienet pendenti l-kawza.

- Illi fil-fehma ta' l-esponenti n-numru kbir ta' *kennels* li jidhru fir-ritratti li pprezentaw l-esponenti, u li ma jista' jgiddibhom hadd, huma fihom innfushom prova ta’ l-entita' ta' l-attivita' li kellhom l-intimati fir-rigward tal-klieb. Din fil-fatt kienet l-attivita' kummercjali gdida li beda jezercita l-appellat. Sahansitra, fit-tentattiv tieghu biex ighawweg il-fatti l-intimat wasal biex jixhed li huwa kien juza biss ringiela wahda tal-*kennels* ghaliex l-ohra kienet *spare* li tintuza biss meta jkun hemm bzonn li jizbogh il-*kennels* li fihom ikun hemm il-klieb. Dikjarazzjoni li m’hi xejn ghajr insult ghall-intelligenza u li ma gietx korroborata mill-appellata li anzi min-naha taghha qalet li ma' kull *kennel* kien hemm kelb. Dan apparti l-apparat ta' tahrig li kien hemm ghal dawn il-klieb fuq il-post u li l-appellati ma cahdux li kien jezisti. Fi kliem l-appellat stess, minn kull kelba jiehu bejn ghaxra (10) u tnax (12)–il geru.

- Irrizulta li dan ir-razzett ghandu permessi ghal 250 majjal fis-sena b'27 pen (maqjel). L-esponenti jsostnu li minn din il-kwota nghataw 132 lil David Bugeja. Fis-sentenza tieghu l-Bord iddikjara li "id-dokument jista' jfisser li r-rikorrent/martu ghandhom kwota ta' Bugeja ma' taghhom". L-esponenti jsostnu li dan ma jistax ikun in kwantu l-permess huwa ghal 250 majjal fis-sena u ma jistax ikollu kwota ikbar minn hekk. Il-kliem *"ghandu l-permess ta' 132 kull sena li qeghdin fuq l-M168 David Bugeja"* tfisser biss li ttrasferew parti mill-kwota fuq l-imsemmi David Bugeja. Taht dawn ic-cirkostanzi m'huwiex verosimili li l-appellati rabbew u qatlu dawk il-majjali kollha li jissemmew fid-dokumenti minnhom esebiti.

7. Illi d-dokumenti li ghamel riferenza ghalihom il-Bord (paragrafu 19 tas-sentenza) suppost huma l-figuri li juru n-

numru ta' majjali li nqatlu fil-biccerija f'isem Rita Spiteri matul l-ahhar snin. Pero' dan zgur li m'huwiex in-numru ta' majjali li kien hemm fir-razzett li huwa l-mertu tal-kawza. Ghalkemm qieghed jinghad li dawn inqatlu fil-biccerija ma jfissirx b'daqshekk li ssemmnu fil-Providence Pig Farm. Kif irrizulta mill-provi, ir-razzett ghandu licenzja ta' 250 majjal fis-sena. Kwota li hija kkalkolata mid-Dipartiment tasServizzi Veterinarji skond kemm jesgha r-razzett bi spazju kkalkolat skond normi veterinarji. Minn dan in-numru hemm kwota ta' 132 majjal fis-sena li gew trasferiti fuq isem David Bugeja. Ghalhekk l-appellata Rita Spiteri ghandha licenzja ghal 118 fis-sena. In-numri li jissemmew fid-dokumenti li gew ezebiti mill-appellati (fosthom dak tal-Koperattiva fol. 107 sa 113) huma 'l boghod hafna minn din ic-cifra u jidher li hemm negozju fuq l-idejn mir-rahhala sabiex jakkwistaw sussidju b'dikjarazzjonijiet fittizji. Dan apparti li d-dokumenti a fol. 107 sa 113 ma gew ikkonfermati minn ebda rapprezentant tal-Koperattiva u ghalhekk fil-fehma tal-esponenti ma jikkostitwixxu l-ebda prova. Din hija manuvra ohra da parti tal-appellati biex jipprovaw jikkonvincu lill-Bord li r-razzett baqa' jintuza ghat-trobbija tal-majjali. L-appellati xehdu bl-iktar mod skjett kif ma baqghux jisimghu l-hsejjes tal-majjali gejjin mir-razzett, u anzi rrizulta li l-appellati kienu qeghdin ukoll izommu l-klieb fih. Dan apparti l-fatt li minghajr ma jrid wiehed irid jikkumenta dwar il-fatt li l-appellat (seduta 23 ta' Marzu 2006) mistoqsi min jiehu hsieb il-majjali, wiegeb:- *"gieli jitla' t-tifel u gieli titla' l-mara mieghu"*. Skond l-appellat ma jaghmilx xoghol ghaliex sahhtu ma tippermettilux u impjegati m'ghandhomx. Mistoqsi jekk il-mara u t-tifel biss jahdmu fir-razzett wiegeb:- "***<u>ehe, wara l-hin, wara l-hin</u>***". Wiehed minghajr ma jrid jistaqsi, huwa verosimili li l-appellati rabbew u qatlu dawk in-numru kbir ta' majjali li jissemmew fid-dokumenti a fol. 107 sa 113, bil-hidma ta' tnejn min-nies li jitilghu wara l-hin? Dikjarazzjoni li fil-fehma ta' l-esponenti tkompli tikkonferma kemm l-attivita' fi Providence Farm kienet giet ristretta ghat-trobbija tal-klieb u xejn iktar.

8. Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata mill-principju li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda

miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. F'dan ir-rigward huwa utli li jigi ccitat bran mis-sentenza "**Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**", Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966 per Mhallef Maurice Caruana Curran:- *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b’ kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji talpercizzjonjiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha ... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi* wahda *miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilta' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant ... ... . Anzi, f’kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibbilta' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti".* Fil-fehma ta' l-esponenti meta wiehed iqis dawn il-principji, il-verzjoni moghtija mill-appellati m’hi xejn kredibbli u m'ghandix titwemmen.

Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jaghmlu riferenza ghall-atti processwali qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Bord Li Jirregola l-Kera fl-4 ta' Dicembru 2006 u tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellati u tilqa' t-talba ta' l-esponenti ghar-ripreza tal-fond meritu tal-kawza.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta’ l-appell ta’ Joseph u Rita Konjugi Spiteri datata 2 ta’ Frar 2007 fejn espona bir-rispett:-

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, u dan kif ser jigi ampjament spjegat hawn isfel.

Illi fl-ewwel lok ir-rikors odjern, fejn ir-rikorrenti appellanti kienu talbu r-ripresa tal-fond lokat, kien ibbazat fuq zewg kawzali, u cioe:-

*1. Illi l-intimati kisru l-kundizzjonijiet lokatizzji billi ma hadux hsieb tal-proprjeta' lokat lilhom; u*

*2. Illi inoltre l-intimati biddlu l-uzu tar-razzett jew ta' partijiet minnu billi qed irabbu fuq is-sit lokat diversi klieb, inkluzi dawk tal-glied, u dan kontra l-permessi vigenti u l-ligi.*

Illi dawn iz-zewg talbiet tar-rikorrenti appellanti gew interament michuda mill-Bord li Jirregola l-Kera, bla ebda riserva.

Illi jidher pero` li fir-rikors ta' l-appell taghhom, ir-rikorrenti appellanti m'ghamlu ebda referenza ghall-ewwel kawzali u fl-ebda mument ma talbu lil din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tvarja jew tbiddel is-sentenza appellata f' dan ir-rigward, u ghalhekk huwa car li m'hu qed isir l-ebda appell fir-rigward ta' l-ewwel kawzali.

Illi r-rikors ta' l-appell jirrigwarda interament it-tieni kawzali, u cioe` dik li tirrigwarda l-allegat tibdil ta' l-uzu tar-razzett, u huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-fatti li ghamel il-Bord. Illi hi gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li ma tiddisturbax lapprezzament li tkun ghamlet il-Qorti tal-Prim' Istanza sakemm dan ma jkunx manifestament u lampanment zbaljat.

Illi l-Appell f’dan is-sens ghandu jitqies bhala wiehed assolutament frivolu u vessatorju ghaliex apparti li huwa ibbazat interament fuq assunzzjonijiet u konkluzjonijiet ghal kollox infondati u zbaljati, jidher car li tant ma kienx hemm fuq x'hiex wiehed jista' jappella f’dan il-kaz, li r-rikorrenti appellanti qeghdin jistiednu lil din il-Qorti sabiex tiskarta ghal kollox 'IL-PROVI' mressqa, u minnflok tistrieh

fuq allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti appellanti li mhux talli ma gewx ippruvati skond il-ligi, izda talli proprju gie ppruvat l-oppost.

Illi l-esponenti ser jghaddu biex juru kif kull punt imqajjem mill-appellanti fir-rikors taghhom huwa ghal kollox bla bazi u ghandu jigi michud *in toto*.

Illi fl-ewwel lok, alavolja l-appellanti kontinwament jirreferu ghall-'pig farm' bhala l-fond lokat, dan il-kliem jintuza biss fil-parti inizjali tal-iskrittura ta' kirja fejn qed jigi deskritt il-fond, izda ghazlu (ghal ragunijiet ovvji) li jinnjoraw kompletament il-klawsola 10 tal-istess skrittura li tghid testwalment hekk:-

***10****.* *Il-farm ghandu jintuza minn Joseph Spiteri* ***ghat-trobbija ta' l-annimali.'***

Illi dan il-punt tqajjem car mill-bidu nett fl-eccezzjonijiet tal-intimati appellati meta jinghad testwalment:- *"Illi hu michud li l-esponenti bidlu l-uzu tar-razzett jew ta' partijiet minnu ghax ghalkemm hemm ukoll xi klieb fir-razzett dawn mhux klieb tal-glied kif allegat u f'kull kaz anki l-klieb huma annimali.'*

Illi tenut dan, u jekk fl-aghar ipotesi, haga li lanqas biss grat, il-Bord deherlu li kienu qeghdin jittrabbew xi klieb fir-razzett, minnflok il-majjali, lanqas seta' jilqa' t-talba tar-rikorrenti appellanti ghaliex id-destinazzjoni tal-fond xorta wahda ma nbidilx bl-ebda mod, ghaliex zgur ma jistax jigi kkontestat li l-klieb huma annimali, u l-*farm* skond l-iskrittura kellu jintuza ghat-trobbija ta' annimali minghajr ebda rizerva ghal xi tip ta' annimali partikolari.

Izda mhux talli hekk, imma talli dan lanqas hu l-kaz hawnhekk, ghaliex kuntrarjament ghal dak li qeghdin isostnu r-rikorrenti appellanti, dan ir-razzett minn dejjem kien jintuza mill-esponenti ghat-trobbija tal-majjali, kemm qabel, kemm waqt u anki sal-gurnata ta' llum!

Illi r-rikorrenti appellanti ma gabu l-ebda prova konkreta sabiex isostnu t-tezi taghhom li minnflok majjali kienu

qeghdin jittrabbew il-klieb, ghajr il-fatt li skond huma f’xi zmien ma kinux jisimghu hsejjes tal-majjali. Huma ppruvaw jghattu dan in-nuqqas ta' prova taghhom billi ghamlu plejtu shih fuq il-fatt li kien hemm il-klieb fir-razzett (b'ezagerazzjoni kbira da parti taghhom fir-rigward tan-numru ta' klieb li kien hemm, haga li giet ukoll kontradetta bil-provi li tressqu), ghax bhallikieku l-fatt li f’ xi zmien kien hemm il-klieb fir-razzett, awtomatikament jelimina l-fatt li baqghu jittrabbew regolarment il-majjali.

Illi saret emfasi kbira da parti tar-rikorrenti appellanti fuq xi proceduri kriminali kontra l-esponenti. Ta' min isemmi li dawn il-proceduri kienu jikkonsistu sempliciment f’sensiela ta' rapporti maghmula minnhom stess lill-Pulizija, fejn kitbu u rrapportaw li l-intimat appellat kien qieghed izomm u jrabbi klieb tal-glied. Dan pero` mhux talli ma rnexxilhomx jippruvawh, imma talli hadu 'falza stikka' ghaliex meta tellghu l-Pulizija sabiex jixhdu f’ din il-kawza, dwar il-proceduri kriminali, pjuttost gie ppruvat l-oppost.

Illi meta xehdet l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2002, hija xehdet li permezz ta' ittra datata 15 ta' Frar 2001, ir-rikorrent appellant Camilleri kien kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn irrapporta li l-intimat Spiteri kien qieghed izomm u jrabbi kwantita' ta' klieb, bejn 50 u 100 (!!) bla permessi u Ii dawn kienu klieb tal-glied. L-istess Spettur pero` xehdet li meta l-Pulizija marru fuq il-post biex jinvestigaw, kull ma sabu kien madwar 25 kelb li minnhom ghaxra kienu *puppies.* Imbaghad, Camilleri kien rega’ ghamel rapport kontra Spiteri fuq l-istess kwistjoni izda meta l-Pulizija regghet marret tinvestiga, kienet sabet 10 t’iklieb li kienu kollha licenzjati. Ta' min isemmi Ii ma hemm l-ebda sentenza tal-Qorti kontra Spiteri, u allura huwa zlejali da parti tar-rikorrenti appellanti Ii jippruvaw jaghtu mpressjoni zbaljata, qisu Spiteri nstab hati, meta dan m'hu minnu xejn.

Il-verita' hi, li la kien hemm dik il-kwantita' ta' klieb imsemmija mir-rikorrenti appellanti u lanqas ma kien hemm l-icken hjiel Ii kien hemm xi klieb tal-glied – haga li kieku l-Pulizija mill-ewwel kienu jindunaw biha – u

ghalhekk r-rikorrenti appellanti gew kontradetti mix-xhieda li huma stess harku u li x' aktarx kienu qeghdin jistriehu fuqhom.

IIli l-esponenti qatt ma nnegaw jew hbew il-fatt li kienu jzommu xi klieb fir-razzett bhala *'guard dogs*'. Forsi wiehed jista' jargumenta li kien ikun element suspettuz li kieku ghamlu hekk, imma kuntrarjament ghal dan, poggew il-klieb proprju fejn jidhru u proprju fejn kienu jservu ta' '*guard dogs'*. U kif xehdu b'mod car dan sar hekk minhabba li kienu vittmi ta' serq fuq ir-razzett u kellhom kull dritt li jservu b'dan il-mezz ta' protezzjoni fuq hwejjighom. Illi ghalhekk ir-rikorrenti appellanti m'ghandhom jistaghgbu xejn, kif qed jghidu fir-rikors taghhom, li l-esponenti kellhom xi klieb marbutin mal-*boundary* tar-razzett bhala klieb ta' l-ghassa, ghaliex apparti li huwa normali hafna li l-klieb jintuzaw bhala '*guard dogs'*, ma kellhom l-ebda raguni jassumu li dawn kienu klieb tal-glied – u lanqas gabu l-icken prova li dawn kienu klieb tal-glied. Milli jidher pero`, nies li ma jifhmu xejn fil-klieb, mill-ewwel jassumu li klieb ta' certu daqs u li forsi ma jkunux klieb daqshekk domestici (ghaliex ikunu klieb mdorrijin barra bl-iskop ta' *'guard dogs'*) huma klieb tal-glied – assunzjoni ghal kollox bla bazi u allegazzjoni li ntuzat biex tghin fl-istampa li xtaqu jpingu r-rikorrenti appellanti.

Illi mbaghad rigward in-numru tal-klieb li suppost kien hemm, anki hawn, ir-rikorrenti appellanti pingew stampa ezagerata meta sahansitra qalu li kien hemm madwar 100 kelb – haga ghal kollox inveritiera - ghaliex anki jekk wiehed jaghzel li ma jemminx l-esponenti li jghidu li kien hemm biss madwar 10 t'iklieb, ix-xhieda tal-Pulizija zgur li ghandha tigi emnuta.

Illi r-rikorrenti appellanti ezebew xi ritratti li juru numru ta' *'kennels'* fuq il-*boundary* tar-razzett, izda dan ma jistax jwassal ghal fehma li ghax hemm certu numru ta' *'kennels' ergo* hemm ukoll l-istess numru ta' klieb. Haga ta' l-iskantament kif ir-rikorrenti appellanti li tant kienu ghassa ma dak li kienu qeghdin jaghmlu l-esponenti, u tant kienu jmorru ta' spiss fuq il-post, ma kienux kapaci jiehdu

sensiela ta' ritratti li juru bic-car dan l-ammont tant kbir ta' klieb li skond huma kien hemm. Dan m'ghamluhx ovvjament ghax ma setghux, ghaliex ma kienx hemm dak in-numru ta' klieb li qeghdin isemmu! Ghalhekk hija ghal kollox hrafa dik il-frazi kontenuta fir-rikors ta' l-appell fejn l-appellanti jghidu li *'in-numru kbir ta' kennels juri bic-car li l-appellat kien qieghed jezercita' attivita' fuq bazi kummercjali fi trobbija ta' klieb.'* U jekk l-appellanti qeghdin jistriehu fuq *'sweeping statement'* bhal din, li bl-ebda mod ma giet ippruvata kif titlob il-ligi, qeghdin litteralment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinjora l-provi kollha prodotti u l-fatti kollha tal-kaz, u sempliciment tistrieh fuq allegazzjoni taghhom. Dan hu li jikkostitwixxi *'l-insult ghall-intelligenza'*, u mhux il-versjoni tal-fatti tal-intimati appellanti!

Fl-ahhar nett fuq dan il-punt, ta' min jinnota li t-talba kif imposta fir-rikors originali tghid testwalment hekk:- *‘Illi inoltre l-intimati biddlu l-uzu tar-razzett jew ta' partijiet billi qed irabbu **<u>fuq is-sit lokat</u>** diversi klieb, inkluzi dawk tal-glied, u dan kontra l-permessi vigenti u l-legi.'*

Issa jekk wiehed jara r-rapport imhejji mill-periti li gie mhejji wara li sar access fuq il-post in kwistjoni fis-16 ta' Marzu 2004, dan jghid testwalment hekk:- *f’ din l-istess zona, giet indikata wkoll li hemm circa hmistax (15)-il istruttura ta' l-injam li jservu bhala mezz ta' kenn ghall-klieb fejn jintuzaw mill-istess intimati bhala 'dog kennels'.* ***Dawn l-istess 'kennels' qeghdin misjuba fuq art fejn il-partijiet jaqblu bejniethom li ma tifformax parti mill-kirja odjerna.'***

Illi jigi sottomess li fuq dan il-punt biss it-talba tar-rikorrenti appellati kellha taqa’ minnufih ghaliex huwa car li dak li qed isostnu mhuwiex minnu, u dan bi qbil tar-rikkorrenti stess! Il-Bord semma’ dan il-punt anki fis-sentenza moghtija.

Illi l-intimati appellati jissottomettu li kellu jsir dan l-emfasi kollu fuq dan il-punt minhabba li wiehed bilfors irid jirribatti dak li qeghdin jallegaw ir-rikorrenti fir-rikors taghhom.

Illi mbaghad ir-rikorrenti appellanti jiddedikaw l-ahhar zewg faccati tar-rikors taghhom biex jippruvaw jimminaw il-provi skjaccanti li tressqu mill-intimati appellati rigward it-trobbija ta' majjali li dejjem kien qed isir u dejjem baqa' jsir fir-razzett in kwistjoni.

IIIi l-esponenti ghajr milli litteralment jesebixxu l-majjali hajjin, gabu l-ahjar prova li titlob il-ligi u cioe` prova dokumentarja u guramentata li turi kif il-gestjoni ta' trobbija ta' majjali QATT ma waqfet. Din il-prova tikkonsisti fl-ewwel lok f'diversi rcevuti li jkopru s-snin 1999 sa 2004, (perjodu kemm qabel il-ftuh tal-kawza kif ukoll waqt li kienet ghaddejja l-kawza), mahrugin mill-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjali Limited, iffirmati mill-President ta' l-istess Koperattiva, liema rcevuti juru l-ammont ta' flus, l-irjus u l-piz tal-majjali li nqattlu kull sena mill-intimati appellati, u li l-Koperattiva tkun xtrat minghandhom. Fit-tieni lok, gew esibiti ukoll l-*income tax returns* tal-intimati appellati ghall-perjodu bejn is-sena 2000 u 2005 (u dan anki fuq talba tal-avukat tar-rikorrenti appellanti), li bla dubju ta' xejn juru li l-qliegh ta' l-intimati appellati kien gej proprju mill-gestjoni ta' trobbija ta' majjali.

Dawn id-dokumenti jew il-validita' taghhom fl-ebda stadju tal-kawza, ma gew b'xi mod ikkontestati mir-rikorrenti appellanti. Illi fir-rikors ta' l-appell pero`, ghall-ewwel darba waqt dawn il-proceduri, qed tigi kkontestata l-validita' ta' dawn id-dokumenti, haga li zgur ma tistax issir f'dan l-istadju, u *se mai* messa saret meta l-provi kienu ghadhom qed jingabru, allavolja wiehed lanqas jista' jimmagina kif setghu kkontestaw dawn il-provi u x'aktarx ghalhekk qatt ma gew ikkontestata.

Illi tant m'ghandhomx ma xiex jaqbdu r-rikorrenti appellanti f' dan il-kaz, li sahansitra f' dan l-istadju ta' l-appall, hargu ghall-ewwel darba bit-teorija li *'hemm negozzju fuq l-idejn mir-rahhala sabiex jikkwistaw sussidju 'dikjarazzjoni fittizji.'*

Din hija dikjarazzjoni kollox zlejali, ghal kollox infondata, u sahansitra gidba mill-akbar, li kieku kellha tintqal barra l-parametri ta' din il-kawza zgur li ghandha twassal sabiex l-

intimati appellati jiehdu passi legali kontra r-rikorrenti appellanti.

Haga ta' l-iskantament hija kif fir-rikors ta' l-appell, dawn il-provi skjaccanti gew imsejha bhala ‘manuvra' biex jikkonvincu lill-Bord li r-razzett baqa' jintuza ghat-trobbija tal-majjali, ghax bhallikieku provi fattwali u mhux kontestati f’ kawza jistghu qatt jissejhu ‘manuvra'!! Kieku dan kellu jkun il-kaz, l-ebda kawza ma tista' qatt tigi deciza, ghaliex l-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuq provi fattwali, *stante* li jistghu jigu interpretati bhala 'manuvri'.

Hawnhekk wiehed allura jsaqsi x'suppost jingieb bhala prova ta' dan il-fatt jekk mhux il-provi li fil-fatt gabu l-intimati appellati. Donnu f’dan il-kaz ir-rikorrenti appellanti qeghdin jippretendu xi grad ta' prova ikbar minn dik li titlob il-ligi. Apparti l-fatt li skond il-principju li min jallega jrid jipprova, kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li *se mai* jipprovaw b’mod sufficjenti t-tezi taghhom, haga li zgur ma rnexxilhomx jaghmlu. Hawn ukoll, din il-Qorti qed tigi mitluba mir-rikorrenti appellanti sabiex tiskarta l-provi dokumentarji konsistenti f’ dokumenti ufficjali, kif ukoll dak kollu li xehdu l-intimati appellati u minnflok tistrieh biss fuq dak li qeghdin jallegaw ir-rikorrenti appellanti, u cioe`, li ghax ma kinux jisimghu hsejjes tal-majjali ma kinux qeghdin jitrabbew majjali. Ftit hemm argumenti izjed fjakki minn dik li qed jaghmlu r-rikorrenti appellanti.

Illi mbaghad dak kollu li ntqal fir-rikors ta' l-appell dwar meta, kif u *come*, l-intimati appellati ghazlu li jrabbu l-majjali, bir-rispett kollu m'ghandu x'jaqsam xejn, ma jreggix u mhuwiex argument validu, ghaliex kullhadd huwa liberu li jaghzel hu kif ghandu jiggestixxi n-negozju tieghu u m'ghandu jindahallu hadd fiha din il-bicca xoghol.

Illi l-verita' kollha hija li r-rikorrenti appellanti f’ xi zmien riedu jirduppjaw il-kera, u meta l-intimati appellati rrifjutaw li jaccettaw dan, hemmhekk bdew il-problemi, u din il-kawza ghalhekk biss saret. Dan gie dikjarat *'ex admissis'* mir-rikorrent appellant Carmelo Camilleri waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2006 meta kien qed jixhed in-kontro ezami.

Illi l-konflitt fil-versjonijiet tal-partijiet ma rrizultatx f’ wahda fejn il-Bord kellu jara liema versjoni hija l-izjed wahda verosimili, ghaliex filwaqt li l-versjoni tar-rikorrenti appellanti hija biss wahda bbazata fuq sensiela ta' assunzjonijiet u suppozizzjonijiet bla bazi u bl-ebda mod ippruvata, l-versjoni tal-intimati appellati hija wahda ppruvata fattwalment u minghajr lok ghall-icken dubju dwar il-kredibbilta' taghha.

Illi ghalhekk il-Bord li Jirregola l-Kera, apparti li dahal *funditus* fil-mertu u evalwa bir-reqqa il-provi kollha li tressqu, kellu ragun meta ddecieda li t-talbiet tar-rikorrenti kellhom jigu michuda, u li ma kien hemm l-ebda bdil fid-destinazzjoni tal-fond mikri. Illi l-istess Bord diga` ddecieda mijiet ta' kawzi bbazati fuq kawzali ta' bdil fid-destinazzjoni tal-fond lokat, u f’ dan il-kaz kien konvint li fid-dawl tal-provi li ngabbru dan ma kienx il-kaz. Ghalhekk zgur li mhuwiex necessarju li wiehed joqghod jikkwota paragrafi shah ta' gurisprudenza (li hija l-izjed haga facli x'taghmel biex timla’ faccata ohra fir-rikors ta' l-appell), dwar x'ghandha taghmel il-Qorti meta tkun rinfaccjata b’ konflitt fil-provi, ghaliex dan il-Bord ovvjament, fl-ebda stadju f’ din il-kawza, ma kien milqut bil-problema msemmija.

Illi ghalhekk, l-esponenti jissottomettu li dan l-appell ghandu jigi michud, u li-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-4 ta’ Dicembru 2006 ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras. Peress illi l-Imhallef sedenti kien, meta kien ghadu jipprattika l-professjoni ta’ avukat, introduca din il-kawza quddiem il-Bord f’ isem ir-rikorrenti, il-Qorti rat l-artikolu 734 (d) tal-Kap 12 u astjeniet li tiehu konjizzjoni ta’ dan l-appell u ordnat li l-process jigi rimess lir-Registratur biex dan jiddestinah lill-Imhallef maghzul.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-24 ta’ Ottubru 2007 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Edward Zammit Lewis ghall-appellanti u Dr. Veronica Galea Debono ghall-appellati. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2008.

Rat l-atti kollha pprezentati u d-digrieti relattivi tal-partijiet.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li r-rikorrenti kienu talbu r-ripressa tal-fond tar-razzett maghruf bl-isem “Providence Pig Farm” fil-limiti tas-Siggiewi fuq zewg kawzali fejn allegaw li l-intimati kisru l-kondizzjonijiet lokattizzji kemm ghaliex ma hadux hsieb il-proprjeta’ lilhom lokata u wkoll ghaliex l-intimati bidlu l-uzu tar-razzett jew partijiet minnu billi bdew irabbu fuq is-sit lokat diversi klieb, inkluzi dawk tal-glied u dan kontra l-permessi u l-ligi.

Illi b’sentenza datat 4 ta’ Dicembru 2006 il-Bord li Jirregola l-Kera cahad it-talba tar-rikorrenti u dan peress li fuq l-ewwel kawzali nnota li anke mir-rapport tal-periti jirrizulta li l-istat tal-fond kien tali li ma gara xejn serju li b’xi mod iwassal sabiex jinghad li l-intimati kissru l-kondizjonijiet lokatizzji billi ma hadux hsieb il-proprjeta’ lokata lilhom, tant li jinghad *“li fit-trattazzjoni l-avukat tar-rikorrenti accetta l-konkluzjonijiet tal-periti teknici wkoll fid-dawl tal-provi”;* fuq it-tieni kawzali din ukoll giet michuda peress li gie deciz li l-uzu preponderanti tal-fond baqa’ l-istess u dan kien jikkonsisti fit-trobbija tal-majjali.

Illi l-appellanti odjern qed jallega li sar apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiem l-Bord u dan peress li qed jghid li gie fil-fatt ippruvat li kien hemm bdil ta’

destinazzjoni tar-razzett u dan peress li dan kien intenzjonat ghat-trobbija tal-annimali u minflok intuza ghat-trobbija tal-klieb.

Illi f'dan il-kuntest huwa rilevanti li jinghad li f'materja ta' valutazzjoni ta' fatti, il-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazi eccezzjonali biss (A.C. **"Phyllis Ebejer vs Joseph Aquilina"** – 10 ta' Jannar 1995) u wkoll li f'kawzali ta' bdil ta' destinazzjoni min jallega ghandu jipprova sew id-destinazzjoni originarja, u kemm it-tibdil taghha, ghaliex il-provi li jsostnu l-azzjoni jmissu lir-rikorrenti, u l-intimat m'ghandux jipprova l-fatt negattiv **(**A.C. **"Mallia vs Guillaumier"** - 12 ta' Jannar 1962 – Vol. XLVI.i.5); **"Boffa et vs Borg"** – A.C. – 10 ta' Jannar 2000; **"Victor Licari vs Francis Zammit Wettinger"** – A.C – 17 ta' Ottubru 2007). F'dan il-kuntest allura huwa r-rikorrenti bhala sid-lokatur li ghandu l-oneru ta' prova li kien bdil ta' destinazzjoni (Vol. XXXIV. i. 164).

Illi tenut kont ta' dan kollu jinghad li ghal dik li hija destinazzjoni originali tal-fond *de quo* jirrizulta mill-provi prodotti u senjatament fl-iskrittura ta' kera datata 28 ta' Novembru 2006 lli  l-fond li gie lokat lill-intimati kien deskritt bhala parti mill-proprjeta' maghrufa bhala "Ta' Lanza" jew "Tal Providenza" li konsistenti *f'pig farm*, b'27 *pen* komplut u attrezzati bir-*railings* ilma etc. kif ukoll kamra, ukoll bi dritt ta' cavetta tal-*maingate* u bi dritt ta' passagg anke bi *truck* minn passagg intern f'din il-propjeta' u bil-kondizzjoni f'paragrafu 10 ta' l-istess li din il-*farm* ghandha tintuza ghat-trobbija ta' l-annimali.

Illi minn dan jirrizulta car li ghalkemm il-fond gie deskritt bhala *"pig farm",* il-kirja kienet intiza ghat-trobbija ta' annimali u dan ghad-differenza ta' uzu iehor differenti mit-trobbija ta' l-annimali – u dan huwa car fih innifsu u mill-kliem uzat fl-istess skrittura u dan peress li kieku l-kirja kienet limitata biss ghat-trobbija tal-majjali ma kenitx issir din il-kondizzjoni li tirreferi ghall-annimali, izda kienet tillimita tali uzu ghall-istess tip partikolari ta' l-annimali, haga li certament f'din l-iskrittura huwa ovvju li ma sarx.

Illi dan jirrizulta mis-sentenza stess fl-istess kawza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera u datata 25 ta' Settembru 2001, fejn l-istess Bord sabiex iddecieda jekk l-istess fond kienx jaqa' taht il-kompetenza tal-istess Bord sostniet li *"l-farm hu wiehed kbir attrezzat ghat-trobbija ta' l-annimali. Importanti l-intenzjoni tal-partijiet meta saret il-kitba – fond uzat ghat-trobbija tal-annimali.....".*

Illi tant huwa minnu dan li l-istess rikorrenti sostna li kien hemm permessi sabiex fl-istess fond jitrabbew annimali ohra tant li l-permessi li kien hemm fuq l-istess fond kienu jirrefru ghall-uzu ta' l-istess bhala *"pig farm – pig and poultry farm"* u dan skond il-permessi tal-PAPB. Kien ghalhekk li fl-istess sentenza tal-4 ta' Dicembru 2006 tal-Bord tal-Kera li nghad li *"ftehim kien li l-fond jintuza ghat-trobbija ta' l-annimali".*

Illi minkejja dan din il-Qorti thoss li anke jekk ghall-grazzja tal-argument jinghad li l-uzu ta' l-istess razzett kien limitat biss ghat-trobbija tal-majjali din il-Qorti thoss mill-provi prodotti ma' jirrizultax li l-uzu preponderanti ta' l-istess razzett ma baqax dak tat-trobbija tal-majjali, anzi mix-xhieda u dokumenti kollha prodotti jirrizulta li l-istess fond dejjem baqa' jintuza principalment u primarjament ghat-trobbija tal-istess tip ta' annimali u allura hawn ukoll ma jistax jinghad li hemm bdil fid-destinazzjoni tal-uzu tal-fond. F'dan is-sens din il-Qorti qed timxi fuq il-principju li kemm-il darba il-fond baqa' preponderanament jintuza ghal skop li ghalih kien mikri, mela allura ma tistax tirnexxi l-kawzali ta' bdil ta' destinazzjoni (A.C. **"Carmela Callus et vs Publius Pace"** – 3 ta' Novembru 1958; A.C - **"Margherita Farrugia vs Charles Vella"** - 26 ta' Mejju 1961).

Illi din il-konkluzjoni iktar issib solliev mill-fatt li fir-rikors tal-appell l-appellanti addirittura jghid li l-fond in kwistjoni ma baqax jintuza ghat-trobbija tal-majjali u dan meta fil-verita' prova ta' dan assolutament qatt ma ngabet – anzi jirrizulta li r-rikorrenti, sahanistra fir-rikors tieghu promotorju, lanqas kien qed jallega dan ghaliex ghalkemm jghid li kien hemm bdil ta' uzu fir-razzett ghaliex dan kien qed jintuza ghat-trobbija tal-klieb tal-glied – fl-istess att

gudizzjarju jinghad ukoll li partijiet biss mill-istess razzett kienu qed jintuzaw ghal dan l-iskop.

Illi minbarra dan jigi rilevat ukoll li anke jekk din il-Qorti tmur sabiex tezamina l-allegazzjoni mir-rikorrenti fis-sens li li l-intimat uza l-istess fond principarjament ghat-trobbija tal-klieb, b'mod li biddel id-destinazzjoni tal-istess fond minn wiehed ta' trobbija tal-majjali, dan ukoll ma jirrizultax ippruvat, u dan ghaliex fuq kollox l-imraqghad tal-klieb jirrizultaw li kienu qeghdin fuq art li ma tiffurmax parti mill-kirja odjerna u dan huwa pacifiku bejn il-partijiet tant li sahansitra jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrenti nnifsu (fol. 30) u ta' martu Therese Camilleri (fol. 38).

Illi mhux hekk biss izda mir-rapport tal-periti teknici datat 14 ta' Ottubru 2004 (fol. 91) inghad li kien hemm 15-il kennel *"fuq art li l-partijiet jaqblu bejniethom ma tifformax parti mill-lokazzjoni odjerna"*. Dan gie wkoll imsemmi fis-sentenza appellata tal-Bord fejn jinghad li *"l-imraqghad tal-klieb, skond il-periti kienu fuq l-art ohra u mhux fuq dik li fiha jinsab ir-razzett proprju"* u dan kollu ma gie bl-ebda mod kontestat mill-appellanti u naturalment dan iwassal sabiex it-talba tar-rikorrenti tigi michuda.

Illi hemm ukoll nuqqasijiet ohra fl-aggravji tal-appellanti li jwasslu lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell minnhom propost, u fosthom hemm dik fejn ghalkemm ir-rikorrenti jallegaw li kien hemm numru kbir ta' klieb li kienu qeghdin hekk jinzammu mill-intimat, b'dan li dan l-uzu setgha jwassal ghall-allegat bdil ta' destinazzjoni ta' l-istess razzett, tant li ssemmew bejn 50 sa 100 kelb, prova ta' dan assolutament ma tirrizultax, anzi jidher li l-istess allegazzjonijiet huma kontrastati sahanistra mir-rapport tekniku fejn jinghad li kien hemm biss 15 imraqghad (fol. 91), u mix-xhieda prodotta mill-istess intimati nkluza dik ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi (fol. 47) li tixhed li mill-mill-ispezzjonijiet li ghamlu l-Pulizija fuq il-post (u dan kemm konsegwenti ghall-ittra datata 24 ta' Novembru 2000 u wara ilmenti ohra mir-rikorrenti fejn il-Pulizija acceddew fuq il-post fl-24 ta' April 2001), kull ma nstabu fl-ewwel okkazjoni kienu biss 25 *mixed dogs* (fejn ghaxra minnhom kienu *puppies)* u jidher li ttiehdu passi biss li

ghaxar t'iklieb kienu bla licenzja u fit-tieni darba sabu biss ghaxar (10) t'iklieb debitament licenzjati u ma ttiehdu l-ebda passi. Illi iktar minn hekk minn imkien ma jirrizulta lanqas li t-trobbija tal-majjali ma kenitx qed isehh fl-istess fond, izda jirrizulta li t-trobbija ta' numru ta' klieb mill-intimat kienet ta' entita' ferm izghar minn dak allegat mir-rikorrenti b'mod li taht l-ebda cirkostanza ma jista' jinghad li kien hemm bdil fid-destinazzjoni tal-istess fond, li kienet u baqghet dejjem dik ghat-trobbija tal-majjali.

Illi dan huwa iktar sinifikanti meta l-istess rikorrenti kien allega wkoll li n-numru ta' klieb li l-intimat kien qed izomm kien iktar mill-majjali li kien qed irabbi (xhieda tieghu tal-1 ta' Lulju 2002) u meta din il-Qorti, bhal Bord, ezaminat il-provi kollha prodotti, jirrizulta li din l-allegazzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata, anzi l-provi kollha juru u jindikaw li d-destinazzjoni tal-fond dejjem baqghet dik ta' trobbija tal-majjali, trobbija li mix-xhieda stess ta' l-intimat tirrizulta li baqghet isehh sallum.

Illi mhux hekk biss izda fir-rapport tal-periti teknici datat 14 ta' Ottubru 2004 li l-istess fond kien fih struttura deskritta f'paragrafu (e) tal-istess rapport fejn jinghad li *"din l-istruttura <u>qed tintuza bazikament</u> bhala ndana ta' sebgha u ghoxrin maqjel tat-trobbija tal-majjali mill-istess intimat".* Dan jindika l-uzu li attwalment kien isir mill-fond *de quo* u huwa sinfikanti li bhal l-ewwel kawzali dan ir-rapport bl-ebda mod ma gie attakkat mill-istess rikorrenti nnifsihom fl-ebda stadju tal-proceduri; anzi jirrizulta li l-uzu ta' l-istess razzett ghat-trobbija tal-annimali huwa wkoll ikkonfermat mill-istess intimat u mix-xhieda kollha minnu prodotta (fol. 105).

Illi apparti dan jirrizulta li l-intimat kien licenzjat bhala *pig breeder* mill-10 ta' Lulju 1980 sat-3 ta' Jannar 2000 (Edwin Mallia ghall-ETC) b'dan li l-intimat kellu licenzja bhala produttur tal-majjal san-1998 u minn 1999 dan daret fuq isem martu Rita Spiteri kif jirrizulta li ghadha hekk sallum. Dan kollu jirrizulta anke mid-dokumenti esebiti, li bl-ebda mod ma gew ikkontestati fil-kawza quddiem il-Bord, fejn jidher li konsistentement inqatlu numru ta' majjali mis-sena 1999 sas-sena 2004 ((Dok. "KIM 1" sa

Dok. "KIM 6") liema dokumenti gew ikkonfermati mill-istess rikorrenti fis-seduta tat-18 ta' April 2005. Illi huwa sinifikanti li mill-istess dokumenti jirrizulta li ghalkemm il-kawza infethet f'Marzu 2001 l-attivita' tal-qtil tal-majjali kienet baqghet ghaddejja, u huwa wkoll sinifikanti li l-istess rikorrenti bl-ebda mod ma gab prova kontrarja ghal dan; mhux hekk biss izda jirrizulta li din l-attivita' kienet kontinwa skond id-dokumenti tat-Taxxa tad-Dhul relattivi ukoll ghas-snin 2000 sa 2005, u wkoll li l-licenzji ghat-trobbija tal-majjali kienu sas-sena 2000 fuq l-intimat u wara fuq martu.

Illi l-appellanti ghamle diversi allegazzjonijiet dwar in-numru ta' majjali li nqatlu u jekk dan verament trabbewx fl-istess razzett, izda din il-Qorti thoss apparti l-fatt li dawn baqghu allegazzjonijiet li ma gewx ippruvati, f'dan il-kuntest lanqas jista' jinghad li l-istess razzett ma baqax jintuza ghat-trobbija tal-majjali jew principarjament ghat-trobbija tal-annimali u dan anke jekk wiehed jikkunsidra dak li gie allegat mir-rikorrenti fil-konfront ta' David Bugeja, prova li fil-verita' lanqas saret mill-istess appellanti, anke ghaliex naqqsu li jipproducu lill-imsemmi David Bugeja bhala xhud sabiex b'xi mod jigi spjegat l-involviment tieghu f'dan il-kaz u dan huwa iktar sinifikanti meta l-oneru ta' prova ta' din l-allegazzjoni kienet ukoll tispetta lir-rikorrenti u ghalhekk l-appell qed jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellati nkwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tal-appellanti Carmelo Camilleri et fir-rikors taghhom datat 21 ta' Dicembru 2006** u s-sentenza appellata kkonfermata.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Carmelo u Therese konjugi Camilleri.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------